# Ħidma Sħabi u Jien



**John Schembri**
*Direttur*

Bħal kull sena ninsab nikteb dan il-messaġġ li permezz tiegħu nkun aktar qrib tagħkom il-qarrejja. Dan il-messaġġ jinkiteb fiż-żmien li l-ħidma u l-attività fil-każin tkun fl-aqwa tagħha.

Il-ħidma fil-każin ma tieqaf qatt iżda fix-xhur ta' qabel il-festa tkun aktar impenjattiva. Ħafna mill-attivitajiet li jkunu ser jiġu organizzati fi żmien il-festa jkunu jinħtieġu preparamenti minn qabel. Grazzi għal sħabi tal-kumitat u membri oħra, li fil-ħin liberu tagħhom jiġu jgħinu fil-każin, ix-xogħol isir aktar malajr u fil-ħin.

Għalkemm il-festa ġġib ħafna xogħol magħha, il-ħidma fil-każin tibqa' għaddejja s-sena kollha. Matul is-sena dejjem ikun hemm ftit xogħol ta' tisbiħ u tibdil. B'hekk il-każin dejjem jinżamm nadif u attraenti għal kull attività u okkażjoni li jkollna matul is-sena. Din is-sena fost l-attivitajiet li kellna, kellna waħda speċjali fejn ilqgħajna l-kabinett tal-ministri. Għal din l-okkażjoni s-sala tal-każin ġiet armata ferm sabiħa u kien ta' unur għalina li lqajnihom fl-għaqda tagħna.

Qabel nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi, nixtieq nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat tal-ħidma li nagħmlu flimkien matul is-sena u lill-kumitati l-oħra li dejjem sibna lil xulxin meta kellna bżonn.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nawgura l-festa t-tajba lil Melleħin kollha speċjalment lil dawk sħabna morda li ma jistgħux ikunu magħna iżda żgur inkunu qed niftakru fihom.

CARMEL VELLA & SONS LTD.
GENERAL WHOLESALERS
*CONFECTIONERY LINES, CIGARETTES, CIGARS & TOBACCO*
"Arcadia", George Borg Olivier Str., Mellieħa
Tel: 21 520883, 9949 6643, 9949 8855
cvelsons@maltanet.net